# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD
## B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.

**Il-Pulizija**
**(Spettur Leeroy Balzan Engerer)**

**vs**

**Abed Shekh Ali**

**Kumpilazzjoni numru 384/2019**

**Illum 5 ta' Marzu, 2020**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Abed Shekh Ali** imwieled gewwa s-Sirja nhar l-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u hamsa u disghin (1995**)** u residenti fil-fond numru 118, Triq Dun Marju, Qormi, Malta detentur tal-permess ta' residenza Maltija numru 105059(A) fejn huwa gie akkuzat talli nhar il-15 ta' April 2018 ghall-habta ta' bejn 06:00hrs u 06:30hrs gewwa Sqaq Lourdes, San Giljan (l-isfel mill-parking ta' Baystreet), minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Sharon Mallia f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha taghha, liema griehi gew certifikati bhala ta' natura gravi.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' ta' Sharon Mallia, jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew ta' individwi ohra minn fastidju jew imgieba li tikkaguna biza ta' vjolenza, u dan ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex ma' kull piena li ssib xierqa, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti, kif ukoll b'Ordni ta' Trazzin, u dan sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta' haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon-ordni pubbliku, u dan ai termini tal-Artikoli 382A u 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet ix-xhieda kollha imressqa mill-Prosekuzzjoni.

Semghet it-trattazzjoni verbali maghmula mil-legali rispettivi tal-parte civile u d-difiza fis-seduta tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru 2019, liema trattazzjoni giet anke traskritta.

Rat illi din il-kawza kienet differita ghas-seduta tallum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Sharon Mallia</u>** (Fol. 20 et seq) xehdet li nhar il-hmistax (15) ta' April 2018 fis-sitta u nofs ta' filghodu (06.30hrs) kienet qieghda Paceville u kienet

sejra ghall-karozza taghha. Wiehed ragel li x-xhud gharfet bhala l-imputat fl-awla beda miexi warajha u baqa' miexi warajha. Hi bdiet tghaggel ghall-karozza. Dan ir-ragel marrilha mal-bieba tal-karozza. Hi bdiet tghidlu biex jersaq minn mal-bieba u hu ma riedx. Qalilha li ried ikellimha u hi qaltlu le. Ippruvat tiftah il-bieba tal-karozza izda ma hallihiex. Hu imbaghad beda jaghtiha go xaghrha u go wiccha. Beda jigbdilha xagharha u laqatha b'difer go wiccha u ghamlilha farret.

Wara li soffriet din l-aggressjoni, il-vittma baqghet sejra d-dar. Filghaxija mbaghad marret taghmel ir-rapport fl-ghassa tal-Pulizija u marret wkoll il-Poliklinka tal-Furjana fejn inhargilha certifikat mediku. Ma kinitx marret mill-ewwel ghax kienet bezghet li l-imputat kien qieghed isegwieha.

Kompliet tispjega li l-imputat kien tressaq il-Qorti akkuzat bi griehi ta' natura hafifa. Sussegwentement wara li hija kienet avvicinat is-sedja, hija kienet inghatat struzzjonijiet biex iggib certifikat mill-gdid dwar il-feriti li kienet soffriet peress li dawn kienu ghadhom jidhru. Infatti kienet ottjeniet certifikat minghand Dr Mario Scerri li kien ikkalassifika l-feriti bhala ta' natura gravi peress li kienu vizibbli from "within a talking distance".

**<u>In kontro-ezami</u>** Sharon Mallia cahdet li hija kienet fis-sakra. Ikkonfermat li l-incident kien inqabad fuq il-cameras tas-sigurta. Hija cahdet li l-imputat kien gie wara li hija kienet gia fethet il-bieba. B'riferenza ghall-mistoqsija jekk hija kinitx imbuttat lill-imputat bic-cavetta u wegghetlu ghonqu, hija irrispondiet li kellha tiddefendi ruhha

wara li giet imsawta. Tenniet li l-imputat kien marrilha mal-bieba tal-karozza, qalilha li huwa ried ikellimha u hija qaltlu le u hekk kif marret biex tidhol fil-karozza, hu beda jaghtiha. Dan wara li hija ressqitu minn mal-karozza biex tkun tista' tiftah il-bieba. Kompliet tghid li hija ma kinitx marret l-Isptar mill-ewwel ghax kienet bezghet li l-imputat kien sejjer isegwieha. Pero qalet li lill-imputat ma kinitx ratu warajha.

Rigward il-griehi sostniet li hija kellha girfa taht ghajnejha minn fejn hareg xi demm. Fil-kollutazzjoni li kien hemm bejniethom, lill-vittma inkisrilha wkoll difer.

**<u>Dr Martin Bajada</u>** (Fol. 61) spjega li huwa kien gie nominat biex johrog xi stills. L-istills pero' ma kinux cari peress li l-akkadut kien gara 'l boghod minn fejn kienu l-cameras. Pero' l-espert tal-Qorti kien f'posizzjoni li jaghmel *enlargement* tal-filmat u fil-filmat gie jidher argument bejn zewg persuni li dam tmien (8) minuti. Minn dan il-filmat hekk kif imkabbar huwa hareg numru ta' stills li gew prezentati.

**<u>Dr Edward Basile Cherubino</u>** (Fol. 76 et seq) espert mediku nominat mill-Qorti pprezenta rapport fejn ikkonkluda li l-feriti li soffriet il-vittma kienu ta' natura hafifa u ma ikkagunaw l-ebda debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem. Lanqas ma gabu xi difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem jew sfrejgu gravi u permanenti fil-wicc, fl-ghonq jew f'wahda mill-idejn. L-espert mediku wasal ghal din il-konkluzjoni minn ezami tac-certifikati medici li gew rilaxxati stante li l-vittma ma attendietx ghall-vista medika skedata mill-espert mediku.

**Ikkunsidrat:**

Meta Qorti tigi biex tezamina l-kredibbilta' tax-xhieda li jkunu tressqu quddiemha, ta' importanza fundamentali huwa l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali. Dan l-artikolu jagħmilha ċara li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu jekk emnut huwa suffiċjenti.

Dan ukoll ġie kkonfermat kemm -il darba f'diversi sentenzi tal-Qrati tagħna.[1] Għall-fini tat-test tal-kredibbilita huwa wkoll rilevanti l-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali. Dan l-artikolu jistipula li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża: - id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.[2]

---

[1] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[2] Ara wkoll sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Carmel Fenech deciza fis-19 ta' Dicembru 2019 (Appell Numru 457/2017)

**L-Aggressjoni**

Wara li din il-Qorti fliet metikolzament il-provi prodotti f'din il-kawza, hija konvinta li sehhet kollutazzjoni bejn l-imputat u l-parte civile u li per konsegwenza ta' din il-kollutazzjoni l-parte civile soffriet xi feriti ad istanza tal-imputat. Il-filmati tac-CCTV juru bic-car li kien hemm argument bejn il-parte civile u l-imputat, liema argument dam sejjer madwar tmien (8) minuti u li f'hin minnhom dawn it-tnejn gew f'kuntatt fiziku ma' xulxin. Il-fatt li kien hemm din il-kolluttazzjoni tikkonfermaha wkoll il-parte civile fid-deposizzjoni taghha. Din kienet konsistenti fix-xhieda fejn ghal kemm -il darba inkluz wkoll fil-kontro-ezami li sarilha tirreferi ghall-fatt li sehhet glieda bejnha u bejn l-imputat u li l-imputat refa' jdejh fuqha. It-tip ta' feriti li rrizultaw u li huma riportati fic-certifikat mediku rilaxat aktar tard f'dik l-istess gurnata wara li sehh l-incident huma korraborazzjoni ulterjuri li l-parte civile kienet involuta f'forma ta' kollutazzjoni li ikkagunatilha grift u sahansitra anke ksur ta' difer. Il-fatt li l-vittma setghet kienet fis-sakra bl-ebda mod ma jiskolpa lill-imputat mir-responsabilitajiet tieghu ghall-akkadut.

In oltre jigi senjalat wkoll li l-imputat fil-verzjoni li ta lill-Pulizija wara li ikkonsulta mal-avukat tal-fiducja tieghu, fl-ebda hin ma cahad li dakinhar li sehh l-incident huwa kien fil-kumpanija tal-parte civile u kien anke fejnha fejn il-vettura li giet tidher fil-filmati tas-CCTV. Infatti fil-verzjoni li huwa ta lill-Pulizija u li hija riportata fl-okkorrenza esebita huwa stqarr: *"X'hin waslu ghal hdejn il-karozza tieghu dan stqarr li bdiet toffendih, timbuttah*

*u wara qabdet ic-cavetta tal-karozza u dan stqarr li ma ghamlilha xejn".*[3] Ghalkemm huwa jichad li lill-parte civile m'ghamlilha xejn, il-filmat juri mod iehor.

**<u>In-Natura tal-Feriti</u>**

Ghar-rigward il-feriti sofferti, din il-Qorti ma tqisx li tressqu provi sufficjenti li jikkonfermaw li n-natura tal-feriti sofferti mill-parte civile kienu feriti li ikkagunaw xi debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew inkella li hallew xi difett permanenti fl-ghamla tal-gisem u li per konsegwenza ghandhom jitqiesu bhala gravi. Il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni ghas-segwenti ragunijiet:

(a) Ic-certifikat rilaxxat minn Dr Mario Scerri prezentat mill-parte civile baqa' qatt ma gie konfermat bil-gurament minn Dr Mario Scerri u l-istess Dr Scerri bhala espert *ex parte* lanqas ma gie ingunt f'dawn il-proceduri biex jixhed;

(b) Ghar-rigward l-espert mediku nominat minn din l-Onorabbli Qorti, jinghad li dan wasal ghall-konkluzjoni li l-feriti sofferti mill-parte civile kienu ta' natura hafifa. Dan biex ma jinghadx wkoll li l-parte civile lanqas ma indenjat ruhha li tattendi ghas-seduta apposita sabiex hija tkun tista' tigi ezaminata mill-espert mediku.

[3] Fol. 8 tal-process.

(c) Ma kinux necessarji xi punti u l-feriti li gew kagunati kienu semplici grif, kif *del resto* tammetti l-parte civile in kontro-ezami u anke kif jirrizulta mic-certifikat mediku rilaxxat.[4]

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 214, 215, 216, 217, 218 u 221, 383 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li mhux qieghda ssib lill-imputat hati li kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Sharon Mallia qeghda issibu hati li kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-istess Sharon Mallia.

Il-Qorti a tenur ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor sa żmien tliet snin millum.

Din il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew li jekk jagħmel xi reat ieħor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, hu ikun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

Il-Qorti tordna wkoll lill-imputat sabiex a tenur tal-aritkolu 533 tal-Kodici Kriminali ihallas l-ammont totali ta' €695.72 rapprezentanti spejjez ta' esperti li gew inkorsi fil-proceduri odjerni.

[4] Fol. 43 tal-process.

*In oltre* l-Qorti wara li rat l-artikolu 383 u sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Sharon Mallia qeghda torbot lill-hati taht obbligazzjoni tieghu inniffsu ghall-perijodu ta' sena millum u dan taht penali ta' elfejn ewro (€2,000).

---

**Dr Joseph Mifsud**

**Magistrat**

Margaret De Battista

Deputat Registratur